**Ikun Imfaħħar Ġesù Kristu**

**APRIL 2008** **NUMRU 231**

## Lill-Presidenti, Assistenti Ekkleżjastiċi u Membri.

Wara li fl-aħħar xhur kellimtkom kemm hi ħaġa importanti li niddeterminaw li nidħlu fina nfusna u niddeterminaw li nimxu 'l quddiem fil-ħajja spiritwali tagħna u ma nibqgħux kuntenti billi aħna, illum nixtieq nurikom kif Santa Tereża turina li meta nitolbu tajjeb u nafu ma' min qed nitkellmu meta nitolbu u nafu x'aħna nitolbu, fir-ruħ issir tibdila ta' l-għaġeb għax tingħaqad iżjed ma' Alla. Bit-talb magħmul bis-sens, ir-ruħ tinbidel f'Alla u tmut għad-dnub u tgħix biss biex tħobb 'l Alla.

Iktar mar-ruħ tħobb 'l Alla, iktar tinqata' mill-kreaturi, u minnha nfisha. Iktar tħossha ferħana fit-tbatija u tibda tħoss biss il-ferħ, għax tħobb 'l Alla. Jekk fil-bidu r-ruħ issib diffikultà biex titlob, issa tibda tħoss mhux biss il-ferħ li qed titlob, imma xejn ma jtellifha li tibqa' tħobb lil Alla wkoll fis-salib, fil-mard u meta tiltaqa' ma min ma jifhimhiex jew imaqdarha. F'dan l-istat, li hu importanti għar-ruh hu, li Alla jkun maħbub.

Din m'hijiex triq qasira jew faċili, imma twila u tinkiseb biss bil-perseveranza fit-talb magħmul tajjeb, u bid-determinazzjoni li trid timxi 'l quddiem fil-qdusija. Dan li tgħid Santa Tereża, mhix xi ħaġa impossibbli, għal dawk li jieħdu bis-serjetà u determinazzjoni li jridu jikbru fil-qdusija.
Erwieħ, li aħna nafu għexu magħna, waslu għax riedu b'fehma soda li jaslu, u jekk waslu huma, għax aħna Le?

Jgħaddi l-ftit żmien li baqalna, u rridu jew ma rridux irridu nsibu ruħna wiċċ'imb'wiċċ mal-Ħallieq. Meta nagħmlu l-qabża kbira miż-żmien għal eternità, kieku kellna nixtiequ xi ħaġa, konna nixtiequ ftit taż-żmien biex nidħlu fina nfusna, nitolbu aħjar, nindmu minn dnubietna u nħobbu iżjed lil Alla . . . Sakemm għandna ż-żmien ejjew napprofittaw ruħhna, u l-Mulej ċert li jagħtina l-għajnuna meħtieġa.

---

Nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li ħadu sehem fil-funeral ta' ħija, liċ-Ċirkoli tal-Balluta, San Ġiljan u B'Buġia, li bagħtuli l-kondoljanzi u lil dawk li b'xi mod jew ieħor urew sobgħa fil-mewt ta' ħija Freddie.
Grazzi għal dawk li talbu għalija fil-50 Anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħi. Jien ma għamiltx festi, imma tlabt għal kulħadd fil-quddiesa tiegħi.
**P.Damian Cachia O.Carm Ass. Ekkl. Ġenerali**

## MADWARNA

Ghadni kif ġejt lura minn esperjenza sabiħa maż-ŻAK. Jien u nikteb din il-paġna grupp ta' madwar mitt żgħażugħ u żgħażugħa qegħdin jiltaqgħu s-Seminarju Tal-Virtù. Dawn iż-żgħażagħ ġejjin minn diversi pajjiżi Ewropej. Il-ftit ħin li qattajt magħhom tkellmu żgħażagħ mill-Iżvizzera, mill-Italja, mill-Lituanja, mill-Belġju, mill-Ġermanja, mid-Danimarka, minn Spanja u minn Malta. Hemm pajjiżi oħrajn irrappreżentati. Din hi laqgħa ta' l-Euroforum organizzata miż-ŻAK għall-FIMCAP. Il-FIMCAP hija l-Federazzjoni Internazzjonali tal-Movimenti Kattoliċi Parrokkjali. X'opportunità sabiħa għaż-żgħażagħ tagħna li jitħalltu ma' żgħażagħ oħrajn Kattoliċi minn pajjiżi differenti. It-tema għal din il-laqgħa hi ''Dinja Naqra Aħjar" jew "DNA".
F'Ħadd il-Palm, ŻAK iċċelebraw Jum iż-żgħażagħ fil-Laboratorju tal-Paċi flimkien ma' żgħażagħ oħrajn refuġjati. Dan għamluh biex jagħtu xiehda ta' support lir-refuġjati u biex jilqgħu lir-refuġjati bħala ħutna. Ir-refuġjati ifakkruna fiż-żmien meta tant Maltin, xi wħud membri tal-familja tagħna, emigraw lejn l-Amerika, l-Ingilterra u l-Kanada biex iffittxu x-xogħol.

F'Ħadd il-Palm kien hemm grupp ieħor li kien qiegħed jiċċelebra Jum iż-Żagħżagħ. Il-Kummissjoni Morda u Persuni b'Diżabilità laqgħet numru sabiħ ħafna ta' żgħażagħ fis-sala ta' l-iskola tas-*Sacred Heart*. Wara Quddiesa akkompanjata mill-kant u daqq bil-gitarri minn grupp ta' l-Azzjoni Kattolika ta' l-Imgarr, iż-żgħażagħ preżenti kellhom xalata sħiħa ikantaw flimkien ma' Benny li għażlilhom serje ta' kanżunetti li kienu jafuhom. Kif ħajjarhom biex ikantaw miegħu ħatfu l-mazz f'idejhom u wara ftit bdew mhux ikantaw biss imma jisfnu wkoll. Fl-aħħar telqu lejn id-dar kuntenti b'bajda kbira ta' l-Għid f'idejhom. Numru kbir ta' sidien ta' karozzi offrew is-servizz tagħhom biex wasslu lil dawn iż-żgħażagħ. Dan hu s-sabiħ ta' l-Azzjoni Kattolika li tagħti opportunità lil diversi nies, anke lil min mhux membru, li juri solidarjetà ma' min hu anqas ixxurtjat minhom.

Jekk ix-xahar ta' Marzu kien mimli attivitajiet, ix-xahar ta' April mhux se ikun inqas minnu.

Dan huwa x-xahar meta n-nisa jiċċelebraw bi kbir il-festa tal-Patruna tagħhom Santa Katerina. Mijjiet ta' membri tal-Fergħa Nisa jiltaqgħu flimkien f'post kbir biżżejjed li jesagħhom u waqt li jaħsbu fuq il-virtujiet ta' din il-mara li tat kontribut hekk kbir lil Knisja, jieħdu gost fil-kumpannija ta' xulxin. Din is-sena mhux se jkollli x-xorti li nkun magħkom għaliex se nitla' Ruma għal Ħames Assemblea Internazzjonali tal-FIAC (il-Forum Internazzjonali ta' l-Azzjoni Kattolika), li din is-sena qegħda tiċċelebra l-għoxrin sena minn mindu twaqqfet. Malta kienet waħda mill-ewwel membri tal-Federazzjoni u diversi membri jiftakru sew din l-ewwel laqgħa. Din is-sena l-Azzjoni Kattolika Taljana qegħda tiċċelebra l-140 Anniversarju minn mindu twaqqfet fl-Italja u stednitna lkoll biex niċċelebrawh magħha billi nkunu preżenti għall-laqgħa mal-Papa l-Ħadd 4 ta' Mejju. Nistennew bil-ħerqa l-messaġġ tal-Papa lill-Azzjoni Kattolika f'din l-okkażjoni.
**Joyce Pullicino, President Ġenerali**

**<u>ATTIVITAJIET TA' L-AZZJONI KATTOLIKA MATUL IX-XAHAR TA' APRIL 2008</u>**

| | | |
|---|---|---|
| 3 ta' April | Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-18:00. |
| | Membri Kollha | Siegħa Adorazzjoni organizzata Mill-Azzjoni Kattolika ġos-Seminarju mill-17:30 sas-18:30. |
| 4-6 April | ŻAK | Irtir għal membri taż-ŻAK |
| 9 ta' April | Kumm. Ħidma Morda | Eżekuttiv fis-18:00 |
| | Għalliema | Kors ta' Spiritwalità fil-17:30 |
| 10 ta' April | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30. |
| 11 ta' April | Direttorju | Laqgħa fis-18:00 ġod-Direttorju, Istitut Kattoliku, Floriana. |
| 13 ta' April | ŻAK | Support Group, fl-10:00 l-Ibraġ |
| 14 ta' April | ŻAK | Laqgħa ta' formazzjoni għal *leaders* f'B'Kara fit-20:30. |
| 16 ta' April | Għalliema | Kunsill fil-17:30. |
| 17 ta' April | Kumitati taċ-Ċirkoli | Skola ta' l-Appostolat fid-9:30. |
| 21 ta' April | Fergħa Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-17:30. |
| 22 ta'April | Fergħa Nisa | Laqgħa Distrettwali No 3 għal Dawn ic-Ċirkoli fid-9:30, Post-San Ġorġ Qormi:- Balluta, Floriana, Gżira, Luqa, Marsa, Gudja, Paola Lourdes, Qormi San Bastjan u San Ġorġ, San Ġiljan, Sliema San Girgor, Siġġiewi, Żebbuġ, Fleur-de-lys. |
| 25 ta' April | Direttorju | Laqgħa fis-18:00 ġod-Direttorju Istitut Kattoliku, Floriana. |
| 28 ta' April | ŻAK | Laqgħa ta' Formazzjoni għal *leaders* f'B'Kara fit-20:30. |
| 29 ta' April | Fergħa Nisa | Festa ta' Sta Katerina ta' Siena Post : Lukanda Excelsior Ħin mid-9:30 sas-12:45. |
| 30 ta' April | S.A.S. | Laqgħa tal-Kunsill fis-18:00. |

## <u>SKOLA TA' L-APPOSTOLAT</u>

Il-Ħamis, 17 ta' April 2008 fid-9:30.
F'Sala Mons. Gonzi, Istitut Kattoliku Floriana.

# LOTTERIJA

Kif konna għidnilkom fl-*Information Sheet* ta' Jannar 2008, din is-sena se nerġgħu nagħmlu l-Lotterija. L-ewwelnett nixtieq nirringrazzja lil dawk il-membri li taw l-għajnuna tagħhom biex stajna niġbru l-premjijiet. Issa li fl-aħħar kollox lest se nibagħtu xi pakketti tal-biljetti bil-posta, però biex intaffu xi ftit mill-ispejjeż tal-posta, għandna bżonn l-għajnuna tal-membri kollha biex inkunu nistgħu inbiegħu l-biljetti. Jekk kull persuna tbiegħ pakkett biljetti nkunu qegħdin nbiegħu nofs il-biljetti. Għalhekk dawk iċ-ċirkoli li jixtiequ jgħinu huma mitluba li jċemplu lis-Segreterija biex jiġbru l-pakketti tal-biljetti tagħhom sa mhux aktar tard mill-4 ta' April, 2008.

Il-Premjijiet tal-Lotterija huma:

1. Samsung LCD 40'' Television Set - €1,024.92
2. Nokia N76 Mobile Phone - €510.13
3. String of White Fresh Water Pearls €135.10
4. Sponsor - Hamper - Guido Vella - €58
5. Sponsor - Voucher - Food Chain Holdings Ltd - TGI Fridays - €15
6. Sponsor - Voucher - Food Chain Holdings Ltd - Pizza Hut - €15
7. Sponsor - Voucher - Food Chain Holdings Ltd - Burger King - €15
8. Sponsor - Voucher - Food Chain Holdings Ltd - KFC - €15

Kull pakkett biljetti se jkun fih 12-il biljett, għaxra minnhom biex jinbiegħu bil- €0.50c il-wieħed u tnejn l-oħra biex jinżammu bħala ringrazzjament. Il-pakkett kollu tal-biljetti jqum €5.00. Jekk il-ħlas isir permezz ta' ċekk, dan irid ikun f'isem Azzjoni Kattolika Maltija. Il-Lotterija se titla' nhar it-Tlieta 13 ta' Mejju 2008 u għalhekk il-biljetti kollha iridu jaslu s-Segreterija sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 9 ta' Mejju 2008. Ir-rebbieħa se jiġu nfurmati permezz tat-telefon, filwaqt li r-riżultati jidhru fl-*Information Sheet* u jkunu wkoll fil-Bookshop ta' l-Azzjoni Kattolika, Floriana.

Importanti li dan l-avviż jingħata lill-membri kollha taċ-Ċirkoli għax l-għajnuna ta' kulħadd hija importanti biex nilħqu l-miri tagħna.

Grazzi bil-quddiem ta' l-għajnuna.

Natalie Farrugia
Amministratur Ġenerali

## KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ

***SOLIDARJETÀ*** Il-programm li tippreżenta l-A.K.M. ddedikat lill-Morda u Persuni b'diżabilità bl-isem SOLIDARJETÀ qed jinstema' kull nhar ta' Ħadd fit-20:30 fuq Radju Malta.
Dawn huma d-dati tal-Programm tagħna għal April 2008:- 6, 13, 20, 27.

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA

### Servizz bil-Minibuses

Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-Kundizzjoni tagħhom. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunità.Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-*Mobile* No: 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' diffikultà ċemplu l-Uffiċċju SAS: 21220286 u agħmlu l-*booking* tagħkom.

# KUMMISSJONI FUND-RAISING

**Il-Ħadd 6 ta' April 2008 fil- Porto Fino Restaurant, Xemxija, minn 12.30 pm għas-1.00 pm.**

Wara waqfa fi żmien ir-Randan issa sejrin nerġgħu nibdew l-attività tas-soltu, jiġifieri xi ikla tajba. Fuq talba ġenerali sejrin inżommu dan l-appuntament għal nhar il-Ħadd, 6 ta' April fil-Porto Fino Restaurant , Xemxija. Wara l-attivitajiet li diġà għamilna f'dan il-post ħafna minn dawk li jattendu għal dawn l-attivitajiet regolari, talbuna biex nerġgħu mmorru f'dan il-post fejn sibna kemm il-kwalità kif ukoll il-kwantità ta' l-ikel tajjeb ħafna. Nisperaw li ma tonqsux.

## Buffet Menu

Antipasto

&

**A Wide Selection of Salads**

---------

Soup of the Day

****

Penne Bolognese
Fusille Carbonara

****

Roast Leg of Pork
Roast Leg of Lamb
Roast Chicken
Fish of the Day
Potatoes and Assorted Vegetables

****

Desserts from the Sweets Table

Sweet of the day ***or*** Ice Cream ***or*** Fruit Salad

***One*** **(1) Glass of Wine *OR* Soft Drink**

Bħas-soltu l-kitba ssir fis-Segreterija ta' l-A.K.M. fl-Istitut Kattoliku, Floriana, sal-Ġimgħa 4 ta' April 2008. Tel 21222239. IMPORTANTI wkoll li tgħidulna fuq liema mejda tixtiequ toqgħodu għall-ikel. Min ikollu bżonn trasport iċempel lil Mrs Marie Bartolo Tel 21221931. Prezz: Kbar € 14 (Lm6.00). Tfal € 7 (Lm3.00).

**Librerija Azzjoni Kattolika – Floriana**

**Wieħed isib:**

**Kull tip ta' kotba reliġjuzi bil-Malti u bl-Ingliz – għall-kbar u għat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti reliġjuzi – statwi, ikoni, santi, stationery, rigali u ħafna affarijiet oħra.**



**Jistaw jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'.**

**Ħinijiet tal-Ftuħ: Matul il-ġimgħa: - 9:00 sa 12:00**
**16:00 sas-19:30**
**is-Sibt filgħodu biss**



**Tel: 21 237031**

**Għalhekk ixtri ir-rigali tiegħek min din il-Librerija u barra li tkun qed tagħti rigal mill-qalb tkun qed tgħin lil Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha.**